

IL-QORTI ĠENERALI

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-27 ta' Ottubru 2021 – Enterprise commune Clean Sky 2 vs Revoind Industriale di Pindaru Ġelu

(Kawża T-268/17) ⁽¹⁾

(“Klawżola ta’ arbitraġġ – Ftehim ta’ sussidju konkluż fil-kuntest tas-Seba’ Programm Qafas għar-riċerka, l-iżvilupp teknoloġiku u d-dimostrazzjoni (2007-2013) – Nuqqas ta’ eżekuzzjoni tal-kuntratt – Rimbors tas-somom antiċipati – interessi moratorji – Proċedura fil-kontumaċja”)

(2022/C 2/32)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrent: Enterprise commune Clean Sky 2 (rappreżentanti: B. Mastantuono, aġent, assistit minn M. Velardo, avukat)

Konvenut: Revoind Industriale di Pindaru Gelu Sas (Ruma, l-Italja)

Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 272 TFUE u intiża sabiex tikseb il-kundanna ta’ Revoind Industriale di Pindaru Ġelu sabiex tirrimborsa l-ammont tad-depożitu mħallas fil-kuntest tal-Ftehim ta’ għotja għas-Sħab Nru 632462, flimkien mal-interessi moratorji.

Dispożittiv

- 1) Revoind Industriale di Pindaru Ġelu Sas hija kkundannata tħallas lill-impriża konġunta Clean Sky 2 is-somma ta’ EUR 101 370,94, flimkien ma’ interessi moratorji bir-rata annwali ta’ 3,50 % b’effett, mis-7 ta’ Frar 2017 sad-data tal-ħlas sħiħ tad-dejn.
- 2) Revoind Industriale di Pindaru Ġelu hija kkundannata għall-ispejjeż.

⁽¹⁾ ĠU C 231, 17.7.2017.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-27 ta' Ottubru 2021 – Enterprise commune Clean Sky 2 vs Revoind Industriale di Pindaru Ġelu

(Kawża T-269/17) ⁽¹⁾

(“Klawżola ta’ arbitraġġ – Ftehim ta’ sussidju konkluż fil – kuntest tas – Seba’ Programm Qafas għar – riċerka, l – iżvilupp teknoloġiku u d – dimostrarazzjoni (2007 – 2013) – Nuqqas ta’ eżekuzzjoni tal – kuntratt – Rimbors tas – somom antiċipati – interessi moratorji – Proċedura fil – kontumaċja”)

(2022/C 2/33)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrent: Enterprise commune Clean Sky 2 (rappreżentanti: B. Mastantuono, aġent, assistit minn M. Velardo, avukat)

Konvenut: Revoind Industriale di Pindaru Gelu Sas (Ruma, l-Italja)

Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 272 TFUE u intiża sabiex tikseb il-kundanna ta’ Revoind Industriale di Pindaru Ġelu sabiex tirrimborsa l-ammont tad-depożitu mħallas fil-kuntest tal-Ftehim ta’ għotja għas-Sħab Nru 325954, flimkien mal-interessi moratorji.